# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR.IMHALLEF

## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

## Seduta ta' nhar il-Erbgha 3 ta' Lulju 2019

**Rikors Numru : 216/2018/2 JPG**

**Kawza Numru : 22**

**RB bhala prokuratur ta' AB**

**Vs**

**RBM**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors b'urgenza ta' RBM, datat 27 ta' Novembru 2018, a fol 3 et seqq., li jaqra hekk:

*Illi r-rikorrenti ghaddejja minn proceduri ta' separazzjoni minn ma' zewgha AB li huwa rrapprezentat minn missieru, RB f'dawna l-proceduri.*

*Illi z-zwieg tal-kontendenti ma kien xejn felici u dana ghaliex AB qatt ma kien prezenti fizikament f'hajjet ir-rikorrenti u f'hajjet binhom minuri A. Sfortunatament ghal AB zwieg ma kien iffisser xejn hlief li tibqa' tghix hajja ta' "single" u cioe' xoghol u hrug mal-hbieb kuljum. AB ma wera l-ebda sapport morali lejn ir-rikorrenti. Ezempju zghir huwa meta hija giet djagnozata bil-kankru huwa mar jara bullfight minflok! Izda aghar minn hekk huwa, meta gie l-minuri A fid-dinja. Filwaqt li r-rikorrenti ferhet bih u accettat il-kundizzjoni tieghu mill-ewwel, AB ma riedx jaf bih. Irrefera ghalih li kien ikun ahjar ghalihom kieku huwa qatt ma twieled. Kif jista' missier jghid hekk? Kif jista' qatt dan il-kliem ikun gustifikkabbli? Izda huwa mhux kliem biss kien jghamel. Kien jimmanifesta r-*

*rejection tieghu ukoll fl-imgieba tieghu. Ma kienx jqatta' hin mieghu. Kien ihallih wahdu mar-rikorrenti. Ghalih kien qisu ma jezistix. Darba minnhom sahansitra qalilha li kieku huwa ma twieledx huma kien jkunu ferm iktar kuntenti!*

*Illi anka meta hija fost hafna affarijiet ohra li mhumiex mertu ta' dana r-rikors hija ma felhitx iktar u giet lura Malta, huwa qatt ma wera entuzjazmu sabiex jkollu hin ma' ibnu. Il-ftit hin li kien ikollu dejjem kien iqattghu mal-genituri tieghu, jew idahhal lil genituri tieghu fin-nofs. Qishu hu u l-genituri tieghu huma persuna wahda.*

*Fil-fatt meta bdew il-proceduri tas-separazzjoni bonarja, fir-rikorsi li gew intavolati minn AB wera bic-car li huwa ma kellu l-ebda interess li verament jara lil ibnu. Fil-fatt huwa pprova permezz ta' rikors jitlob access ghan-nanniet paterni liema Qorti kienet cahdet. Izda huwa ma qatax qalbu, jew ahjar, in-nanniet paterni ma qatawx qalbhom ghax l-access huma rieduh iktar milli AB. Dana qieghed jinghad ghax minkejja li kien hemm access rregolat mill-Qorti ghal meta jkun Malta u access tramite SKYPE ukoll huwa beda johloq il-problemi billi beda jivvinta illi r-rikorrenti qeghda taqla problemi fl-access tramite SKYPE biex b'hekk jkun jista' jiggustifika access ghan-nanniet. Waqt il-medjazzjoni l-partijiet mhux normalment jigu mismugha, u fil-fatt il-partijiet ma gewx mismugha. Kieku r-rikorrenti kienet tigi mismugha kienet turi li r-rikorrenti qatt ma cahhdet l-access tramite SKYPE minn rajha. Hija m'ghandha l-ebda interess li taghmel dan. Anzi hija dejjem riedet li huwa jaccetta lil ibnu kif inhu u jipprova jibni relazzjoni mieghu. Fil-fatt hija kienet taghmel minn kollox biex tagevola lil missier halli jkollu access tramite SKYPE, avolja access tramite SKYPE kuljum precett mhuwiex ideali ghal minuri. Illi fuq allegazzjonijiet fiergha u nfondati tal-missier, access ghan-nanniet paterni inghata fuq il-premessa illi r-rikorrenti qeghda xxekkel l-access ghal missier. Izda jekk huwa hekk, ghaliex l-access ta' SKYPE baqa fis-sehh? Jekk wiehed sar bhala sostitut ghal l-iehor, l-access originali ghandu jispicca. Issa la l-access ghan-nanniet paterni inghata mid-dehra il-problemi ghal missier bl-ISKYPE spiccaw ghax lanqas baqghu jissemmew. Minn wara d-digriet li nhareg fis-sajf b'access favur in-nanniet paterni l-ebda rikors iehor ma sar da parti l-missier. Qishom il-problemi bl-access SKYPE sparrixew. Izda l-verita' hija li l-missier qatt ma kellu problemi bl-access SKYPE, izda beda jipprova jivvinta l-problemi sabiex il-genituri tieghu jkollhom access, ghax fino in fondo l-genituri*

*tieghu verament riedu l-access mhux huwa. Tant l-missier mhuwiex konxju ta' ibnu, li lanqas ma jirrejalizza illi l-minuri ma jinterretrax ma' missieru fuq screen fis ghal tul ta' hin. Meta r-rikorrenti fis-seduta precedenti ssenjalat dan il-fatt, u dina l-Onorabbli Qorti ssuggeriet illi missier, AB, u cioe' RB jixtri u jghaddi lir-rikorrenti camera u wire sabiex tiffacilita' iktar access tramite SKYPE, dawna l-oggetti qatt ma waslu!! Dan juri verament illi l-missier ma jimpurtahx mill-access tramite SKYPE izda ghalih l-access li jimpurtah huwa li l-genituri tieghu jkollhom access huma u mhux hu.*

*Izda apparti l-fatt illi l-Kodici Civili ma jghatix access lin-nanniet paterni izda access huwa biss versu l-genituri, l-istess nanniet paterni ma jirrejalizzawx x'inhu fl-ahjar interess tal-minuri u ghal xi raguni jew ohra ihallu l-pika tiddetta kif ghandhom jiehdu hsieb lil minuri.*

*Il-Hadd, 11 ta' Novembru, meta kien xita qalil u kien hemm duluvju fit-toroq, ir-rikorrenti talbet li l-genituri ta' AB jwasslu t-tifel mhux sad-dar taghha izda gewwa l-carpark ta' Greens Supermarket u dana ghal fattur semplici: s-sahha tal-minuri. Peress li l-minuri ghandu Angelman Syndrome huwa suxxettibbli li jimrad iktar malajr minn tfal ohra. Illi minhabba dan il-fattur, ir-rikorrenti xtaqet illi t-tifel jitwassal gewwa l-carpark ta' Greens Supermarket sabiex it-tifel ma jigix espost ghax-xita u l-kesha ghax minn gewwa l-karozza tan-nanniet paterni, johrog ghal post kenni, jidhol fil-karozza tar-rikorrenti u jitwassal gewwa l-garaxx tal-genituri tar-rikorrenti u minn gewwa l-garaxx jidhol gewwa d-dar. Il-car park ta' Greens Supermarket mhuwiex il-boghod minn fejn qeghda toqghod hi u di piu' huwa car park bla hlas. Izda n-nanniet paterni ma riedux u mhux talli oggezzjonaw bil-qawwa u riedu sahansitra johorgu t-tifel fid-duluvju u l-kesha izda zammu t-tifel siegha u nofs iktar sforz ta' pika ghax ma riedux jiehdu t-tifel sal-carpark ta' Greens Supermarket. Fil-fatt anka l-pulizija ppruvaw jirragunaw man-nanniet paterni izda kollu ghalxejn. Dan il-battibekk kollu halla trawma fuq it-tifel tant li t-tifel spicca biex ghamel tahtu u rritornaw it-tifel mimli urina!! Billi xorta nsistew li johorgu t-tifel fid-duluvju, t-tifel spicca marad, izda mid-dehra ghan-nanniet paterni dan xejn ma jimporta – l-aqwa li tghaddi taghhom. Ir-rikorrenti sfortunatament kienet taf x'kien gej ghax in-nanniet paterni qatt ma poggew il-benessere tal-minuri l-ewwel. Biss biss, darba minnhom meta l-minuri kellu d-deni, lanqas biss indunaw li kellu d-deni u meta r-rikorrenti qaltilhom se tiehu l-minuri*

*l-isptar (liema minuri kien ghand in-nanniet paterni) flok haduha huma, n-nanniet paterni flimkien ma' AB li kien qieghed hemm ippreferew jaraw it-televizjoni u r-rikorrenti kellha ccempel lil ommha sabiex tehodha l-isptar fejn kienu zammew it-tifel!! Dan huwa l-koncern li juru. Illi propju ghalhekk hija tibza' illi n-nanniet paterni jkollhom access.*

*Ghaldaqstant u ghar-ragunijiet fuq premessi qieghed jigi mitlub lil dina Onorabbli Qorti sabiex:*

1. *Tissospendi minnufih l-access versu n-nanniet paterni;*
2. *Tordna lil RB jghaddi l-camera u l-wires sabiex issir l-access tramite SKYPE favur il-missier, AB.*

*Salv kull provvediment iehor li dina l-Onorabbli Qorti fil-gudizzju superjuri taghha jidrilha li huwa iktar xieraq u opportun.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u l-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta ta' RB noe (K.I. 552755M), datata 7 ta' Dicembru 2018, a fol 19 , li taqra hekk:

*"Illi nhar it-30 ta' Novembru 2018, huwa gie notifikat bir-Rikors hawn fuq imsemmi u bid-Digriet ta' dina l-Onorabbli Qorti tas-27 ta' Novembru 2018 illi akkordat gimgha zmien ghar-risposta, u f'dan il-kuntest, umilment jissottometti s-segwenti.*

*L-allegazzjonijiet maghmula fl-ewwel pagna tar-rikors huma kantaliena illi l-konvenuta ilha ghaddejja biha sa mill-bidu ta' dawn il-proceduri.* ***AB langas lill-konvenuta nnifisha, illi kien ilu jinnamra maghha perijodu ta' sena u nofs f'long distance relationship – hu Spanja u hija Malta – ma abbanduna meta hargilha l-cancer – anzi baqa' leali lejha, u konxjament maghha ha d-decizjoni illi jkollhom tarbija, u eventwalment izzewgu fit-tqala. Ahseb u ara kemm se jichad jew jabbanduna lil ibnu****, illi huwa demmu u ghaziz ghalih, minkejja l-kundizzjoni illi ghandu.*

*F'dan l-istadju, sabiex dina l-Onorabbli Qorti tifhem kemm verament il-minuri A huwa ghaziz ghal missieru u anke ghan-nanniet paterni, qed jigu ezebiti ftit ritratti illi juru kjarament illi l-allegazzjonijiet tal-konvenuta huma biss gideb fieragh u krudili – dawn qed jigi mmarkati* ***Dok. TW1 sa Dok. TW5.***

***Il-konvenuta, sfortunatament, jidher illi ddecidiet illi issa li xebghet minn zewgha AB, ghandha teskludih ghal kollox minn hajjet ibnu, u teskludi wkoll lin-nanniet paterni – daqs li kieku dawn qatt ma ezistew.*** *AB u l-genituri tieghu ma jistghux jifhmu dan l-agir car ta' parental alienation. Huma jifhmu illi l-minuri ghandu jibqa' jirrisjedi m'ommu – u qatt m'huma ser jipprovaw iccahduha minn dan skemm hija stess trid tibqa' tiehu hsieb lil A. Izda l-istess familja B ma jistghu qatt jaccettaw illi jigu mcahhda mir-relazzjoni illi ghandhom, u li minn dejjem kellhom, mal-minuri A.*

*L-esponenti noe jaghmel umli referenza ghall-atti tal-medjazzjoni illi pprecedew il-proceduri odjerni, u li llum gew allegati b'ordni ta' dina l-Onorabbli Qorti tat-3 ta' Dicembru 2018, illi jaghtu l-istampa vera ta' kemm kellu jaghmel sforzi AB sabiex jigi akkordat access ghal ibnu – ghaliex martu l-konvenuta cahhditu minn ibnu – imqar bi Skype – ghal xhur shah, meta ddecidiet illi tissepara.*

*Dina l-Onorabbli Qorti diversament preseduta, fi stadju ta' medjazzjoni, kienet akkordat access ghan-nanniet paterni wara illi gew imressqa* ***l-provi illi jindikaw bl-aktar mod car u lampanti illi l-konvenuta ma kinitx qieghda tixghel l-apparat necessarju ghall-iSkype waqt l-access illi gie akkordat,*** *b'ordni tal-Qorti, lil AB.*

*F'dan l-istadju, l-esponenti noe qieghed jipprezenta tliet clips qosra, ta' madwar minuta l-wiehed, illi juru, wiehed Skype call tal-missier il-minuri A meta dan ikun f'dar ommu l-konvenuta fejn jirrizulta car l-intralc illi qieghda taghmel l-istess omm f'dan ir-rigward, u iehor ta'* ***Skype call ohra fejn il-minuri kien fid-dar tan-nanniet paterni, fejn dan jidher ferhan u eccitat, litteralment irid jaqbad il-kompjuter sabiex jaghmel komunikazzjoni ma' missieru hekk kif jarah*** *– proprju ghaliex il-minuri, kif spjega x-xhud Dr. Jonathan Borg, fis-seduta tat-3 ta' Dicembru 2018, huwa facli hafna u juza jdejh sabiex jikkomunika in vista tal-fatt illi huwa non-verbal. Filwaqt li l-ahhar video juri l-martirju li jkollu jghaddi minnu missieru il-minuri meta l-konvenuta jidhirlha li tidhol Skype izda bil-*

*camera mitfija, u ghalkemm kienet konxja ta' dan il-fatt bil-missier jghid kemm il-darba li l-camera taghha hija mitfija u ghalhekk ma jistax jara lil minuri, hija tinjorah ghal kollox u thalli l-camera mitfija ghal sessjoni shiha. Dawn ir-recordings qed jigu mmarkati komplessivament bhala* **Dok. TW6.**

*L-animu veru tal-konvenuta johrog car mill-ilment taghha, fit-tieni pagna tar-rikors odjern, fejn dina tghid, testwalment, "access ghan-nanniet paterni nghata fuq il-premessa illi r-rikorrenti qieghda xxekkel l-access ghall-minuri. Izda jekk huwa hekk, ghaliex l-access ta' Skype baqa' fis-sehh? Jekk wiehed sar bhala sostitut ghall-iehor, l-access originali ghandu jispicca" – ghalkemm aktar tard il-konvenuta bidlet fehemtha u talbet minflok illi jigi mitmum l-access tan-nanniet paterni – kjarament ghaliex taf illi aktar tista' tintralca r-relazzjoni tal-missier ma' ibnu permezz tal-iSkype calls illi ma jsehhux, milli jekk il-minuri jibqa' jmur ghand in-nanniet paterni.*

*Il-konvenuta sahansitra dawwret ta' taht fuq is-suggeriment ta' dina l-Onorabbli Qorti sabiex hija stess tinstalla camera wide-angle sabiex il-laptop ikun jista' jitqabbad ukoll mat-televizjoni [sahansitra qalet li m'ghandhiex sett tat-televizjoni, meta hija kaxkret kollox, inkluz it-televizjoni mid-dar matrimonjali!]. Fir-rikors odjern, il-konvenuta titlob illi l-esponenti proprio jigi ordnat illi jaghmel dan. Ara kif l-esponenti jista' qatt ikun jaf x'inhuwa kompatibbli mat-televizjoni u kompjuter taghha meta din, kjarament, lanqas biss tridu wara bieb il-garaxx taghha, ahseb u ara kemm tridu gewwa darha!*

*Dwar l-incident tal-Greens Supermarket, l-esponenti noe jaghmel referenza ghar-rapport illi gie mressaq mill-istess esponenti f'dan ir-rigward, illi diga' jinsab esebit in atti mal-Affidavit ta' GB u mmarkat* **Dok GB13.** *F'dan ir-rigward,* **_l-esponenti noe jerga' jirribadixxi illi huwa lest illi jilqa' lill-konvenuta go daru u fil-garaxx tieghu sabiex hija tkun tista' tigbor lill-minuri mill-kenn tal-istess garaxx,_** *b'mod illi jigi evitat illi dan isir f'parking area ta' supermarket. B'danakollu, sakemm il-konvenuta tkun disposta illi tilqa' din l-istedina, u sakemm jibqa' l-maltemp, ossia sa Marzu, l-esponenti ser isegwi d-direzzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti sabiex il-minuri jghaddi minghand ommu u lura fil-parking area ta' Greens Supermarket.*

*Fir-rigward tal-kumment illi t-tifel kien mimli urina, tajjeb illi wiehed jiftakar illi t-tifel ghadu bil-harqa, illi n-nanniet paterni biddlulu fil-5p.m. qabel ma hargu mid-dar. Hija hasra illi l-konvenuta ma komplietx bil-potty training illi n-nanna paterna, b'sieghat twal ta' pacenzja u ghozza, kienet bdiet mal-minuri fl-2017, qabel mal-konvenuta telqet miz-zwieg.*

*Hekk ukoll, meta l-esponenti noe rrelata lil ibnu illi* ***<u>t-tobba ssugerew illi l-minuri ghandu jiehu l-ghajnuna naturali Melatonin sabiex tghinu fl-irqad, AB ddikjara illi ma jistax jifhem ghaliex il-konvenuta tibqa tirrifjuta illi taghmel dan – issa li ghandha anke rrakkomandazzjoni tat-tabib ta' fiducja taghha: fatt illi jkun jippermettilha illi torqod ahjar, u anke jirrendi l-hajja tal-minuri A iktar regolata, ghaliex dan jibda jorqod il-lejl minkejja l-kundizzjoni illi ghandu.</u>***

*L-esponenti noe jinnota wkoll l-insistenza f'pagna tlieta tar-rikors odjern illi "peress li l-minuri ghandu X Syndrome huwa suxxettibbli li jimrad iktar malajr minn tfal ohra" – dan gie michud espressament, fuq domanda in kontro-ezami, minn Dottor Stephen Attard, fix-xhieda tieghu tat-3 ta' Dicembru 2018. Izda ovvajment il-konvenuta anke dan trid tuza sabiex iccahhad lill-esponenti u lill-missier mill-access ghall-minuri. F'dan ir-rigward,* ***<u>l-esponenti jixtieq ukoll illi meta l-konvenuta tkun ser tirrifjuta l-access minhabba ragunijiet medici, hija tigi ordnata illi tipprezenta certifikat minn poliklinika – ghaliex kjarament hija qieghda tabbuza billi ripetutament tallega mard, meta ma jkunx il-kaz.</u>***

*Hekk gara,* ***<u>fit-23 ta' Novembru 2018, meta l-esponenti kien imisshom access ghall-minuri u l-konvenuta informathom illi ma kinitx ser tibghat lit-tifel ghaliex kellu d-deni. Peress illi kien jum il-Gimgha, u l-esponenti noe jaf illi matul is-snin, din kienet il-gurnata fejn il-konvenuta kienet tmur izzur lin-nannu taghha, l-esponenti u martu marru fit-triq fejn ighix in-nannu u hawnhekk raw il-karozza ta' omm il-konvenuta, u wkoll dik ta' missierha. Dawn, igifieri l-konvenuta flimkien ma' ommha u missierha hargu mid-dar tan-nannu – bil-minuri A b'kollox – xi 9.30pm – minghajr ebda kunsiderazzjoni ghall-mard f'dak il-hin tal-lejl, u l-allegata suxxettibilita` tal-minuri ghall-mard!</u>***

*In-nanniet paterni ma ghandhom ebda intenzjoni li jaghmlu l-ghassa jew wisq anqas stalking tal-konvenuta [u wisq anqas ta' missierha]. Izda ladarba l-agir tal-konvenuta juri kjarament il-hsieb taghha ta' parental alienation, u din qieghda ripetutament iccahhad lill-esponenti u anke lill-missier innifsu mill-access ghall-minuri, huma hadu din il-mizura sabiex, effettviament, ikkonfermaw is-suspett taghhom. Jigi rilevat illi* ***Dok. E pprezentat mar-rikors promotur, konvenjentement isemmi biss lil RM – ovvajment ghaliex il-konvenuta riedet tahbi mill-awtoritajiet il-fatt illi hija kienet qieghda barra bit-tifel fid-9.30 p.m. meta ftit sieghat qabel kienet cahhdet lin-nanniet paterni mill-access dekretat favur taghhom, li kellu jsir l-ghada, s-Sibt. Filwaqt li dak in-nhar stess cahdet lill-missier minn access fuq Skype ghaliex qalet li kienet ghand l-ispizjara tixtri l-medicina.***

*Il-konvenuta qieghda tuza l-mezzi kollha, kemm fattwali u issa anke legali permezz tar-rikors odjern, sabiex twettaq parental alienation. Sabiex dina l-Onorabbli Qorti jkollha stampa aktar cara ta' dan, l-esponenti noe qieghed jannetti bhala* **Dok. TW7,** *skeda illi tindika l-ezercizzju tal-access, fejn wiehed kjarament jista' jara l-iskuzi ripetuti tal-konvenuta sabiex ma tibghatx lill-minuri ghall-access. Bizzejjed jinghad illi* ***l-konvenuta cahhdet lil zewgha minn ibnu ghal kwazi 3 gimghat f'Dicembru 2017 sal-ewwel jiem ta' Jannar tal-2018. Meta l-missier kien Malta fl-ahhar ta' Jannar ghal medjazzjoni, RMB ghal darb ohra cahdet lil missier milli jara lil ibnu. Wara li hareg id-digriet mill-Qorti ghal access lil missier fuq Skype u meta l-missier jkun Malta, RMB rat kif ghamlet biex fil-jumejn fejn AB kien ser ikun Malta, cahditu minn dan l-access, fl-ewwel gurnata b'saghtejn inqas minn dak li ordnat il-Qorti u f'gurnata ohra ghal kollox ghaliex stqarret li A ma jiflahx.***

*Fl-ahhar nett, fir-rigward tal-ilment tal-konvenuta fis-sens illi l-Kodici Civili ma jakkordax access ghan-nanniet, l-esponenti noe jaghmel referenza ghall-kawza deciza mill-Qorti tal-Gustizzja Ewropea fil-31 ta' Mejju 2018 [Ref. C-355/17] fl-ismijiet* ***Neli Valicheva vs Georgios Babanarakis*** *fejn inghad espressament illi "****il-kuncett ta' "dritt t'access", ikkontemplat fl-Artikolu 1(2)(a) u fil-punti (7) u (10) tal-Artikolu 2 tar-Regolament tal-Kunsill (WE) Nru 2201/2003 tas-27 ta' Novembru 2003 dwar il-gurisdizzjoni u r-rikonoxximent u l-infurzar ta' sentenzi fi kwistjonijiet matrimonjali u kwistjonijiet ta' responsabbilita` tal-***

***genituri u li jirrevoka r-Regolament (KE) Nru 1347/2000 ghandu jigi interpretat fis-sens li jestendi ghad-dritt ta' access tan-nanniet fil-konfront tan-neputijiet taghhom."*** *Ladarba Malta hija membru tal-Unjoni Ewropea, id-dritt tal-Unjoni u t-taghlim tal-Qrati Ewropej, huma direttament applikabbli fil-Qrati taghna, illi huma wkoll obbligati, bil-principju ta' kooperazzjoni leali, illi jsegwu l-linja gurisprudenzjali Ewropeja.*

*Fid-dawl ta' dak kollu fuq premess, l-esponenti noe jissottomettu bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti ghandha tichad it-talbiet kontenuti fir-Rikors tal-konvenuta tas-27 ta' Novembru 2018, u tordna illi:-*

*I. Il-konvenuta tinstalla l-apparat necessarju sabiex l-access tramite Skype jkun jista' jsir b'mod regolari minkejja kwalunkwe agir ta' restlessness tal-minuri*

*II. Il-konvenuta ghandha tirrispetta d-digrieti ta' access kemm versu l-missier AB u kif ukoll versu n-nanniet paterni, skruplozament u tipprovdi certifikati medici minn tabib mill-poliklinika f'kaz illi tkun ser iccahhad l-access minhabba allegat mard tal-minuri.*

*Salv kull provvediment iehor li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xieraq u opportun.*

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Semghet t-trattazzjoni mil-avukati difensuri tal-partijiet;

**Ikkonsidrat;**

**AB** xehed illi waqt l-access fuq Skype meta t-tifel jkun id-dar ta' ommu l-intimata, huwa jara lit-tifel jiekol, jara xi *cartoons* jew juza t-*tablet.* Spjega li hu jipprova jkantalu *nursery rhymes* favoriti tieghu, wara li ghamel kuntatt mal-iskola tieghu peress illi l-intimata qatt m'ghaddietlu

n-nursery rhymes li jhobb, u jsemmilu l-hbieb tal-iskola. Xehed illi huwa jara differenza fit-tifel meta dan l-access isir mid-dar tal-genituri tieghu. Spjega illi wahda mill-akbar differenzi hija li jkun jista' jara l-kamra kollha u ghalhekk ikun jista' jara lit-tifel minkejja li jitlaq minn quddiem il-*computer*, a kuntrarju ta' meta dan l-access isir mid-dar tal-intimata, illi taghmel purtiera wara s-siggu ta' quddiem il-*computer.* Kompla li meta l-access isir mid-dar tal-genituri tieghu, meta huwa jghajjat lill-ibnu, t-tifel jirrejagixxi tant li jkun irid kwazi jaqbad il-*monitor* tal-*laptop.* Xehed illi huwa ghandu biss 15 -il minuta fejn jista' jara lill-ibnu fuq Skype meta jkun ghand l-intimata, u minn dawn fil-verita ikollu ftit sekondi biss peress illi t-tifel iqum minn quddiem il-*laptop* u meta jghajjatlu ma jmurx lura. Xehed li meta l-access isir minghand il-genituri, meta jitlaq minn quddiem il-*computer* jara lit-tifel jimxi u jaghmel affarijiet ohra fil-kamra, filwaqt li meta l-access isir minghand l-intimata u t-tifel jitlaq minn quddiem il-*computer*, kull ma jara huwa siggu vojt.

Spjega li t-tifel ghandu ktieb bi *flash cards* permezz ta' liema huwa jista jikkomunika, peress illi huwa *non-verbal.* Kompla illi f'dan il-ktieb hemm figuri li jirraprezentaw in-nies li hemm fil-hajja tal-minuri, inkluz ommu, in-nanniet materni u tnejn mill-kugini tal-intimata, izda m'hemm l-ebda figura li tirraprezenta lilu, u ghalih dan huwa parti mill-*parental alienation* illi qed isir mill-intimata.

**Ikkonsidrat;**

Dan huwa digriet wara rikors prezentat mill-intimat fis-27 ta' Novembru 2018, permezz ta' liema, talbet sabiex jigi sospiz b'mod immedjat l-access versu n-nanniet paterni u sabiex tordna lir-rikorrent proprio jghaddi l-camera u l-wires sabiex isir l-access tramite Skype favur missier il-minuri.

Fir-risposta tieghu, filwaqt illi oggezzjona ghat-talbiet maghmula mill-intimata, ir-rikorrent nomine talab sabiex l-intimata tigi ordnata tinstalla l-apparat mehtieg sabiex l-access permezz ta' Skype jkun jista' jsir b'mod regolari u talab ukoll illi l-intimata tigi ordnata sabiex tipprovdi certifikati medici minghand tabib mill-poliklinika fil-kaz illi l-access ma jkunx ser jinghata ghaliex il-minuri jkun ma jiflahx.

Il-Qorti rat illi skont id-digriet moghti minn din il-Qorti diversament presjeduta, in-nanniet

paterni ghandhom access ghall-minuri darba fil-gimgha mill-ghaxra ta' filghodu (10.00 a.m.) sas-sitta ta' filghaxija (6.00 p.m.). Il-Qorti rat ukoll illi dan id-digriet kien inghata wara li kien irrizulta lil din il-Qorti diversament presjeduta illi l-intimata kienet qed tostakola l-access permezz ta' Skype li kien gie ordnat mill-Qorti, u ghalhekk kien inghata access lin-nanniet paterni sabiex ir-rikorrenti nomine jkun jista' jkollu access ghall-minuri permezz ta' Skype waqt li jkun qieghed id-dar tan-nanniet paterni.

Il-Qorti taghraf illi huwa minnu dak li targumenta l-intimata illi d-dritt Malti ma jirrikonoxxix access versu n-nanniet.

B'referenza ghas-sentenza fl-ismijiet ***Neli Valcheva vs Georgios Babanarakis*** citata mir-rikorrent, il-Qorti tirrileva illi din is-sentenza m'hijiex applikabbli fil-kaz odjern peress illi a kuntrarju tal-ligi Maltija, il-ligi Bulgara fl-Artikolu 128 tal-Kodici tal-Familja tipprovdi ghal dritt t'access ghan-nanniet, u kien a bazi ta' dan l-artikolu li n-nanna tal-minuri f'dik il-kawza kienet ghamlet talba ghall-access mal-minuri. Il-Qorti tirrileva wkoll illi r-Regolament tal-Kunsill numru 2201/2003 ma jistabilixxix drittijiet t'access ghall-genituri jew membri ohra tal-familja. Dan ir-regolament jistabilixxi biss regoli rigward il-gurisdizzjoni tal-Qrati u r-rikonoxximent u l-infurzar ta' decizjonijiet moghtija mill-Qrati tal-Istati membru tal-Unjoni Ewropeja fl-ambitu ta' kwistjonijiet specifici tal-ligi tal-familja, inkluz kawzi u decizjonijiet dwar drittijiet t'access lejn tfal minuri. Dan jidher b'mod car mill-Artikolu 41 li jipprovdi dwar ir-rikonoxximent u l-infurzar ta' sentenzi li jiddeterminaw id-drittijiet t'access, izda ma jakkordawx xi drittijiet t'access:

> ***"Id-drittijiet t'access imsemmija fl-Artikolu 40 (1) (1) moghitja f'sentenza nfurzabbli li tkun inghatat fi Stat Membru ghandhom jigu rikonoxxuti u jkunu nfurzabbli fi Stat Membru iehor minghajr il-bzonn ta' dikjarazzjoni ta' l-infurzabbilita minghajr ebda possibilita li ssir opposizzjoni ghar-rikonoxximent taghhom jekk is-sentenza tkun giet iccertifikata fl-Istat Membru ta' l-origini skond il-paragrafu 2."***

Fi kliem iehor, sabiex ikunu applikabbli r-Regolament u s-sentenza citati mir-rikorrent fir-rigward tan-nanniet tal-minuri, irid ikun hemm ligi domestika illi tirrikonixxi dan id-dritt. Il-Ligi Maltija ma tirrikonoxxix id-dritt tan-nanniet ghall-access, u ghalhekk dak citat mir-rikorrent m'huwiex applikabbli.

Il-Qorti tqis ghalhekk illi jkun ghaqli li l-access versu n-nanniet jigi sospiz. Illi pero, l-Qorti taghraf illi din il-Qorti kif diversament presjeduta kienet hasset il-bzonn li tiddekreta b'dak il-modd minhabba li kien irrizulta illi l-intimata kienet qed tostakola l-access permezz ta' Skype li kien gie ordnat a favor tar-rikorrent noe meta ma jkunx Malta. Il-Qorti rat illi ma jirrizultax illi nell frattemp kien hemm xi bdil fic-cirkostanzi.

Ghalhekk il-Qorti tqis illi l-access li kien gie moghti lin-nanniet paterni ghandu jigi sostitwit b'access versu l-missier permezz ta' video call, liema access ghandu jigi ezercitat fl-istess gurnata u fl-istess hinijiet li diga kien qed isir man-nanniet paterni, sabiex tinzamm stabbilita ghall-minuri, u ghandu jigi ezercitat fid-dar tan-nanniet paterni sabiex jigi assigurat illi dan l-access ikun jista' jigi ezercitat regolarment u minghajr xkiel, u ghal dan l-access il-minuri ghandu jingabar mid-dar tal-omm u jittiehed lura d-dar tal-omm min-nanniet paterni.

Fir-rigward tat-talba tar-rikorrenti nomine sabiex l-intimata tigi ordnata tipprezenta certifikat mediku mahrug minn tabib tal-poliklinika meta ma tkunx ser taghtih access ghall-minuri waqt li jkun Malta ghaliex il-minuri jkun ma jiflahx, il-Qorti taghraf illi r-rikorrent nomine qed jaghmel din it-talba sabiex ikun assigurat illi meta ma jsehhx l-access mal-minuri waqt li jkun qieghed Malta, dan ikun verament ghaliex il-minuri huwa ma jiflahx, u mhux ghaliex l-intimata qieghda cahhdu minn ibnu kapriccozament. Il-Qorti thoss pero illi ma jkunx fl-ahjar interess tal-minuri li jkollu jinhareg mid-dar kemm -il darba ikun verament ma jiflahax.

Il-Qorti tqis ghalhekk illi jkun aktar ghaqli illi meta r-rikorrent nomine jkun Malta, jekk il-minuri jkun ma jiflahx, il-missier ghandu jkollu access permezz ta' video call ta' siegha. B'hekk, kemm -il darba l-minuri jkun verament ma jiflahx, ma jkollux jinhareg mid-dar a detriment ta' sahhtu, filwaqt illi b'dan il-mod il-missier ikollu s-serhan tal-mohh rikjest illi ma jkunx qed jigi mcahhad mill-access ghal xejn, u fl-istess hin ikun jista' jkollu kuntatt ma' ibnu.

B'referenza ghat-talbiet rigward min ghandu jinstalla l-appart necessarju sabiex l-access permezz ta' video calls li jsir minghand l-intimata jkun jista' jsir regolarment, il-Qorti tqis illi ghandha tkun l-intimata illi tiehu hsieb dan, u l-ispiza ta' dan tkun a karigu tal-attur.

**Ghal dawn il-motivi, l-Qorti tiddeciedi billi filwaqt li tilqa' l-ewwel t-talba tal-intimata u tissospendi l-access tan-nanniet paterni ghar-ragunijiet moghtija aktar il-fuq, tordna illi**

1. **Minflok l-access tan-nanniet paterni dekretat minn din il-Qorti diversament**

**presjeduta, meta r-rikorrenti nomine jkun Spajna, ghandu jkollu access li jalterna, darba nhar ta' Sibt u darba nhar ta' Hadd mal-minuri, permezz ta' video call bejn l-ghaxra ta' filghodu (10.00am) u s-sitta ta' filghaxija (6.00pm), liema access ghandu jigi ezercitat fid-dar tan-nanniet paterni tal-minuri. Ghal dan l-access, il-minuri ghandu jingabar mid-dar tal-omm u jittiehed lura d-dar tal-omm min-nanniet paterni.**

2. **Tichad it-tieni talba tal-intimata, u tordna lill-istess intimata sabiex tassigura illi jkollha l-apparat idoneju biex l-access permezz ta' Skype ta' fost il-gimgha jkun jista' jsir regolarment u minghajr xkiel, b'dana li l-ispiza tal-apparat jkun a karigu tal-attur.**

**Il-Qorti tordna wkoll illi meta r-rikorrent jkun Malta u l-access ma jkunx jista' jsir ghaliex il-minuri jkun ma jiflahx, ir-rikorrent ghandu jkollu access ta' siegha ma' ibnu permezz ta' Skype.**

**Spejjez riservati ghall-gudizzju finali.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**